# "BOMBER"

*Ta'* G. Bartolo

Mhemmx li nistrieħ minn din id-dieqa kbira,
Li kien jaħasra jerġa' ż-żmien li għadda,
Dwejjaq għalija dawn il-jiem ta' paċi,
Li kont nistabar!

M'għadnix fil-beraħ tas-smewwiet niġġerra
U kollni hieni neqred djar u ħiejjaq,
M'għadnix kif nitla' fis-smewwiet inwerwer
In-nies ta' taħti.

Kemm kienu għalija sbieħ il-jiem tal-gwerra:
Kont ngħaddi l-jum u l-lejl niġġerra u neqred,
Kont jien sultan tal-ħajja ta' kull ħlejqa;
Kemm kont nitgħaxxaq

Inħarbat kulìimkien, nifrex il-ħerba;
Xi ġmiel saħħari dak il-krib u l-biki
Li jitla' kien minn taħt il-ħerba—kollox
Intemm għalija!

Minn taħt il-ħerba nstema' demmhom jagħjat,
Jitlob il-ħaqq quddiem Ħallieq is-Sewwa
Minni li qridthom ħesrem dawk il-ħlejjaq.
O, x'hemm ġie fuqi!